

Brussell, 11 ta' April 2019  
(OR. en)

8303/19

---

---

**Fajl Interistituzzjonali:  
2019/0092(NLE)**

---

---

**PECHE 161**

**PROPOSTA**

---

minn:	Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmat mis-Sur Jordi AYET PUIGARNAU, Direttur
data meta waslet:	10 ta' April 2019
lil:	Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2019) 173 final
Suġġett:	Proposta għal REGOLAMENTO TAL-KUNSILL dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd skont il-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Guinea-Bissau (għall-2019 sal-2024)

---

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2019) 173 final.

---

Mehmuż: COM(2019) 173 final



IL-KUMMISSJONI  
EWROPEA

Brussell, 10.4.2019  
COM(2019) 173 final

2019/0092 (NLE)

Proposta għal

## **REGOLAMENT TAL-KUNSILL**

**dwar l-allokkazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd skont il-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-  
Repubblika tal-Guinea-Bissau (għall-2019 sal-2024)**

## MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

### 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

#### • Raġunijiet u għanijiet tal-proposta

Abbażi tad-Direttivi tan-negozjati rilevanti<sup>1</sup>, il-Kummissjoni nnegozjat mal-Gvern tar-Repubblika tal-Guinea-Bissau bil-ħsieb li tikkonkludi Protokoll ġdid tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Guinea-Bissau<sup>2</sup>. Wara dawn in-negozjati, fil-15 ta' Novembru 2018 ġie inizzjalat Protokoll ġdid. Il-Protokoll ikopri perjodu ta' ħames snin mid-data tal-applikazzjoni provviżorja tiegħu, jiġifieri mid-data tal-iffirmar tiegħu, kif imsemmi fl-Artikolu 16 tiegħu.

#### • Konsistenza mad-dispożizzjonijiet eżistenti fil-qasam ta' politika

Skont il-prijoritajiet tar-riforma tal-politika tas-sajd<sup>3</sup>, il-Protokoll il-ġdid joffri opportunitajiet tas-sajd għall-bastimenti tal-Unjoni fl-ilmijiet tal-Guinea-Bissau skont l-aqwa parir xjentifiku disponibbli u filwaqt li jħares ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kummissjoni Internazzjonali għall-Konservazzjoni tat-Tonn tal-Atlantiku (I-ICCAT). Dan il-Protokoll il-ġdid iqis ir-riżultati ta' evalwazzjoni tal-aħħar Protokoll (tal-2014 sal-2017) u ta' evalwazzjoni li tħares lejn il-ġejjieni dwar jekk għandux jiġi konkluż Protokoll ġdid. Dawn iż-żewġ evalwazzjonijiet saru minn esperti esterni. Il-Protokoll se jippermetti wkoll lill-Unjoni Ewropea u lir-Repubblika tal-Guinea-Bissau jaħdmu aktar mill-qrib bejniethom biex jipromwovu l-użu responsabbli tar-riżorsi tas-sajd fl-ilmijiet tal-Guinea-Bissau u biex jappoġġaw l-isforzi tal-Guinea-Bissau biex tiżviluppa l-ekonomija l-blu tagħha, fl-interess taż-żewġ partijiet.

Il-Protokoll jipprevedi opportunitajiet tas-sajd fil-kategoriji li ġejjin:

- (a) il-bastimenti tat-tkarkir għall-gambli mgħammra bi friża;
- (b) il-bastimenti tat-tkarkir għall-ħut u għaċ-ċefalopodi mgħammra bi friża;
- (c) il-bastimenti tat-tkarkir għall-ħut pelaġiku ż-żgħir;
- (d) il-bastimenti tas-sajd għat-tonn bit-tartaruni mgħammra bi friża u l-bastimenti tas-sajd bil-konz;
- (e) il-bastimenti tas-sajd għat-tonn bil-qasba.

Fil-każ tal-ewwel tliet kategoriji, l-opportunitajiet tas-sajd jingħataw f'termini tal-isforz tas-sajd (f'tunnellati grossi rreġistrati) għall-ewwel sentejn u f'termini tal-limitu tal-qbid (f'qabdiet totali permissibbli) għall-aħħar tliet snin.

Għandu jiġi stabbilit il-metodu għall-allokazzjoni ta' dawn l-opportunitajiet tas-sajd fost l-Istati Membri.

### 2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

#### • Bażi ġuridika

Il-bażi ġuridika magħżula hija t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, li l-Artikolu 43(3) tiegħu jistabbilixxi li l-Kunsill, fuq proposta tal-Kummissjoni, għandu jadotta l-miżuri dwar l-allokazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd.

<sup>1</sup> Li l-Kunsill Ambjent adotta fit-28 ta' Frar 2017.

<sup>2</sup> ĠU L 342, 27.12.2007, p. 5.

<sup>3</sup> ĠU L 354, 28.12.2013, p. 22.

- **Sussidjarjetà (għall-kompetenza mhux esklużiva)**

Il-qasam ta' politika jidħol fil-kompetenza esklużiva tal-Unjoni Ewropea.

### **3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT**

- **Evalwazzjonijiet *ex post*/kontrolli tal-idoneità tal-leġislazzjoni eżistenti**

Il-partijiet ikkonċernati ġew ikkonsultati waqt l-evalwazzjonijiet *ex post* u *ex ante* dwar Protokoll potenzjali ġdid bejn l-Unjoni Ewropea u r-Repubblika tal-Guinea-Bissau. Saru konsultazzjonijiet ukoll mal-esperti mill-Istati Membri u mis-settur waqt laqgħat tekniċi. Minn dawn il-konsultazzjonijiet ħareġ li huwa fl-interess tal-Unjoni Ewropea u tar-Repubblika tal-Guinea-Bissau li jikkonkludu Protokoll ġdid tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd.

- **Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati**

L-Istati Membri, ir-rappreżentanti tas-settur, l-organizzazzjonijiet internazzjonali tas-soċjetà ċivili kif ukoll l-amministrazzjoni tas-sajd u r-rappreżentanti tas-soċjetà ċivili tal-Guinea-Bissau ġew ikkonsultati fil-kuntest tal-evalwazzjoni. Saru wkoll konsultazzjonijiet fil-qafas tal-Kunsill Konsultattiv għall-Flotta ta' Distanzi Twal.

- **Ġbir u użu tal-għarfien espert**

Il-Kummissjoni użat konsulent indipendenti għall-evalwazzjonijiet *ex post* u *ex ante*, f'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 31(10) tar-Regolament li jistabbilixxi l-politika komuni tas-sajd.

### **4. IMPLIKAZZJONI BAĠITARJA**

L-abbozz tar-Regolament ma għandu l-ebda impatt fuq il-baġit tal-Unjoni.

### **5. ELEMENTI OĦRA**

- **Pjanijiet ta' implimentazzjoni u arranġamenti dwar il-monitoraġġ, l-evalwazzjoni u r-rappurtar**

Din il-proċedura qed tinbeda b'mod parallel mal-proċeduri marbutin mad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-iffirmar, f'isem l-Unjoni, tal-Protokoll tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Guinea-Bissau, kif ukoll ma' dawk marbutin mad-Deċiżjoni tal-Kunsill dwar il-konklużjoni tiegħu. Dan ir-Regolament irid jibda japplika ladarba jkunu jistgħu jibdeu isiru l-attivitajiet tas-sajd skont il-Ftehim, jiġifieri mid-data tal-applikazzjoni provviżorja tal-Protokoll.

Proposta għal

## REGOLAMENT TAL-KUNSILL

**dwar l-allokkazzjoni tal-opportunitajiet tas-sajd skont il-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Guinea-Bissau (għall-2019 sal-2024)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikulari l-Artikolu 43(3)

tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) Fis-17 ta' Marzu 2008, il-Kunsill adotta r-Regolament (KE) Nru 241/2008<sup>4</sup> dwar il-konklużjoni tal-Ftehim ta' Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Guinea-Bissau (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Ftehim")<sup>5</sup>, li daħal fis-seħħ fil-15 ta' April 2008 u li wara ġġedded b'mod taçitu u għadu fis-seħħ.
- (2) L-aħħar Protokoll tal-Ftehim skada fit-23 ta' Novembru 2017.
- (3) Il-Kummissjoni nneozjat Protokoll ġdid dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Protokoll") f'isem l-Unjoni Ewropea. Il-Protokoll għe inizjalat fil-15 ta' Novembru 2018 wara li ntemmu dawn in-negozjati.
- (4) Skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2019/.../UE<sup>6</sup>, il-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Guinea-Bissau għe ffirmat fil-*[daħħal id-data tal-iffirmar]*.
- (5) Jenħtieġ li l-opportunitajiet tas-sajd previsti fil-Protokoll jiġu allokatu fost l-Istati Membri għall-perjodu tal-applikazzjoni tiegħu.
- (6) Il-Protokoll se jibda japplika b'mod provviżorju mid-data tal-iffirmar tiegħu sabieix ikun żgurat li l-attivitajiet tas-sajd tal-bastimenti tal-Unjoni jinbdew malajr. Għalhekk jenħtieġ li dan ir-Regolament jibda japplika mill-istess data,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

### *Artikolu 1*

#### Definizzjonijiet

<sup>4</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 241/2008 tas-17 ta' Marzu 2008 dwar il-konklużjoni tal-Ftehim tas-Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Guinea-Bissau (ĠU L 75, 18.3.2008, p. 49).

<sup>5</sup> ĠU L 342, 27.12.2007, p. 5.

<sup>6</sup> Id-Deċiżjoni ... (ĠU L ..., ..., p ...).

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament “speċijiet ta’ ħut li jpassi ħafna” għandha tfisser l-ispeċijiet imniżżlin fl-Anness I tal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti tal-1982 dwar il-Liġi tal-Baħar, ħlief għall-familja tal-*Alopiidae* u għall-familja tal-*Sphyrnidae*, kif ukoll għall-ispeċijiet li ġejjin: *Cethorinus maximus*, *Rhincodon typus*, *Carcharodon carcharias*, *Carcharinus falciformis* u *Carcharinus longimanus*.

## Artikolu 2

### Opportunitajiet tas-sajd

L-opportunitajiet tas-sajd li jstabbilixxi l-Protokoll dwar l-implimentazzjoni tal-Ftehim ta’ Sħubija dwar is-Sajd bejn il-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Guinea-Bissau (għall-2019 sal-2024) (minn hawn ’il quddiem imsejjaħ “il-Protokoll”) għandhom jitqassmu fost l-Istati Membri skont l-Artikoli 3 u 4.

## Artikolu 3

### Speċijiet ta’ ħut tal-qieġh u ħut pelagiġiku żgħir

L-opportunitajiet tas-sajd għall-ispeċijiet tal-ħut tal-qieġh u għall-ħut pelagiġiku ż-żgħir għandhom jitqassmu fost l-Istati Membri kif ġej:

(1) fl-ewwel u fit-tieni sena ta’ applikazzjoni tal-Protokoll, abbażi ta’ sistema tal-isforz tas-sajd (f’*tunnellati grossi rreġistrati (TGR)*):

(a) il-bastimenti tat-tkarkir għall-gambli mġhammra bi friża:

Spanja: 2 500 TGR;

il-Greċja: 140 TGR;

il-Portugall: 1 060 TGR;

(b) il-bastimenti tat-tkarkir għall-ħut u għaċ-ċefalopodi mġhammra bi friża:

Spanja: 2 900 TGR;

il-Greċja: 225 TGR;

l-Italja: 375 TGR;

(c) il-bastimenti tat-tkarkir għall-ħut pelagiġiku ż-żgħir:

Spanja: 3 500 TGR;

il-Portugall: 500 TGR;

il-Litwanja: 5 000 TGR;

il-Latvja: 5 000 TGR;

il-Polonja: 1 000 TGR;

(2) mit-tielet sena ta’ applikazzjoni tal-Protokoll, abbażi ta’ sistema li tistabbilixxi limiti tal-qbid għal kull speċi (il-qabdiet totali permissibbli (it-TACs)):

(a) il-bastimenti tat-tkarkir għall-gambli mgħammra bi friża:

Spanja: 1 650 tunnellata;  
il-Greċja: 100 tunnellata;  
il-Portugall: 750 tunnellata;

(b) il-bastimenti tat-tkarkir għall-ħut mgħammra bi friża:

Spanja: 9 500 tunnellata;  
il-Greċja: 500 tunnellata;  
l-Italja: 1 000 tunnellata;

(c) il-bastimenti tat-tkarkir għaċ-ċefalopodi mgħammra bi friża:

Spanja: 1 200 tunnellata;  
il-Greċja: 150 tunnellata;  
l-Italja: 150 tunnellata;

(d) il-bastimenti tat-tkarkir għall-ħut pelaġiku ż-żgħir:

Spanja: 3 900 tunnellata;  
il-Portugall: 700 tunnellata;  
il-Litwanja: 6 000 tunnellata;  
il-Latvja: 6 000 tunnellata;  
il-Polonja: 1 400 tunnellata.

#### *Artikolu 4*

#### Speċijiet ta' ħut li jpassi ħafna

L-opportunitajiet tas-sajd għall-ispeċijiet ta' ħut li jpassi ħafna għandhom jitqassmu kif ġej:

(a) il-bastimenti tas-sajd għat-tonn bit-tartaruni mgħammra bi friża u l-bastimenti tas-sajd bil-konz tal-wiċċ:

Spanja: 14-il bastiment;  
Franza: 12-il bastiment;  
il-Portugall: żewġ bastimenti;

(b) il-bastimenti tas-sajd għat-tonn bil-qasba:

Spanja: 10 bastimenti;  
Franza: tliet bastimenti.

*Artikolu 5*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ l-għada tal-jum tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu jibda japplika mill-*[daħħal id-data tal-iffirmar]* tal-Protokoll].

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill  
Il-President*